



RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-13 ta' Novembru, 2006,

**tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España**

(BĊE/2006/18)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Skond l-Artikolu 4(2) tal-Liġi ta' l-awtonomija tal-Banco de España u l-Artikoli 29(3) u 31 tar-Regoli tal-proċedura tiegħu, il-kontijiet tal-Banco de España huma vverifikati minn awdituri indipendenti esterni kif stabbilit fl-Artikolu 27 ta' l-Istatut, u skond it-termini tal-Liġi 19/1988 dwar l-ivverifikar tal-kontijiet¹ fir-rigward ta' l-eliġibbiltà, il-mandat u r-rotazzjoni ta' l-awdituri.
- (3) Il-mandat ta' l-awdituri esterni ta' bħalissa tal-Banco de España se jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2005. Jinħtieġ għalhekk li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2006.
- (4) Il-Banco de España għażel lil Deloitte, S.L. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2006 sa 2008, bil-mandat tagħhom jiġġedded minn hemm 'il quddiem kull sena sas-sena finanzjarja 2012,

¹ Kif emendata bil-Liġi 44/2002 dwar miżuri ta' riforma tas-sistema finanzjarja.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rikkmandat li Deloitte, S.L. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banco de España għas-snin finanzjarji 2006 sa 2008, bil-mandat tagħhom jiġġedded minn hemm 'il quddiem kull sena sas-sena finanzjarja 2012.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-13 ta' Novembru, 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET